# ATT FINALI

Il-plenipotenzjarji:

TAL-KOMUNITÀ EWROPEA, ’il quddiem imsejħa “il-Komunità”,

u ta’:

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA’ L-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA’ SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

MALTA,

IR-RENJU TA' L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA' L-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U TA' L-IRLANDA TA' FUQ,

Partijiet Kontraenti għat-Trattat li jistabbilixxi l-KOMUNITÀ EWROPEA, 'il quddiem imsejħin "l-Istati Membri tal-KE",

il-plenipotenzjarji ta':

L-IŻLANDA,

IL-PRINĊIPAT TAL-LIECHTENSTEIN,

IR-RENJU TAN-NORVEĠJA,

'il quddiem imsejħin "l-Istati ta' l-EFTA",

kollha flimkien Partijiet Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea li sar f'Oporto fit-2 ta' Mejju, 1992, 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim taż-ŻEE", 'il quddiem imsejħin flimkien "il-Partijiet Kontraenti Preżenti", u

il-plenipotenzjarji ta':

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-RUMANIJA,

'il quddiem imsejħin "il-Partijiet Kontraenti Ġodda",

li qegħdin jiltaqgħu fi Brussel, fil-ħamsa u għoxrin jum ta' Lulju tas-sena elfejn u sebgħa biex jiffirmaw il-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea, adottaw it-testi li ġejjin:

I. Il-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea ('il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim");

II. It-testi elenkati hawn taħt li huma mehmużin mal-Ftehim:

Anness A: Lista msemmija fl-Artikolu 3 tal-Ftehim;

Anness B: Lista msemmija fl-Artikolu 4 tal-Ftehim.

Il-plenipotenzjarji tal-Partijiet Kontraenti Preżenti u l-plenipotenzjarji tal-Partijiet Kontraenti Ġodda adottaw id-Dikjarazzjonijiet u l-Istqarrijiet Konġunti elenkati hawn taħt u mehmużin ma' dan l-Att Finali:

1. Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar ir-ratifika f'waqtha tal-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea;

2. Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar id-data ta' skadenza ta' l-arranġamenti tranżitorji;

3. Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-applikazzjoni tar-regoli ta' oriġini wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea;

4. Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar kummerċ fi prodotti agrikoli u fi prodotti agrikoli pproċessati;

5. Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-adattament settorjali tal-Liechtenstein fil-qasam tal-moviment liberu tal-persuni;

6. L-Istqarrija Konġunta dwar is-setturi prijoritarji msemmija fil-Protokoll 38a;

7. L-Istqarrija Konġunta dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji.

Il-plenipotenzjarji tal-Partijiet Kontraenti Preżenti u l-plenipotenzjarji tal-Partijiet Kontraenti Ġodda ħadu nota tad-Dikjarazzjonijiet elenkati hawn taħt u mehmużin ma' dan l-Att Finali:

1. Id-Dikjarazzjoni Ġenerali Konġunta ta' l-Istati ta' l-EFTA;

2. Id-Dikjarazzjoni Konġunta ta' l-Istati ta' l-EFTA dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema;

3. Id-Dikjarazzjoni Unilaterali mill-Gvern tal-Liechtenstein dwar l-Addendum għall-Protokoll 38a.

Qablu wkoll li, sa mhux iktar tard mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, il-Ftehim taż-ŻEE, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea u t-testi kompleti ta' kull Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, għandhom isiru u jkunu awtentikati mir-rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti Preżenti u tal-Partijiet Kontraenti Ġodda bil-lingwa Bulgara u bil-lingwa Rumena.

Jieħdu nota tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għal Tkabbir Ekonomiku u Żvilupp Sostenibbli fil-Bulgarija, li huwa wkoll mehmuż ma' dan l-Att Finali.

Jieħdu wkoll nota tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għal Tkabbir Ekonomiku u Żvilupp Sostenibbli fir-Rumanija, li hu mehmuż ma' dan l-Att Finali.

Jieħdu mbagħad nota tal-Protokoll Addizzjonali mal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda b'riżultat ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea, li huwa mehmuż ma' dan l-Att Finali.

Jieħdu wkoll nota tal-Protokoll Addizjonali mal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja b'rużultat l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea, li huwa wkoll mehmuż ma' dan l-Att Finali.

Jenfasizzaw li l-ftehim u l-protokolli msemmijin hawn fuq kien hemm qbil dwarhom fuq is-suppozizzjoni li l-parteċipazzjoni fiż-Żona Ekonomika Ewropea tibqa' ma tinbidilx.